MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.**
**SILVIO MELI**

Seduta ta' l-4 ta' Novembru, 2009

Avviz Numru. 377/2008

**M.Demajo (Timbers) Ltd (C-750)**

**vs**

**General Woodworks & Marine Limited (C-41911)**
**u**
**Joseph Fabri**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors fuq indikat datat it-12 ta' Novembru, tas-sena 2008, li permezz tieghu s-socjeta` rikorrenti sejhet lill-intimati quddiem din il-qorti sabiex jghidu ghaliex m'ghandhomx ikunu kkundannati:

1. Illi b'mod solidali bejniethom, ihallsu lis-socjeta` rikorrenti s-somma ta' hamest elef, tminn mija u erbgha u tletin Ewro u seba' centezmi (€5,834.07),

rapprezentanti prezz ta' merkanzija mibjugha u kkonsenjata lilhom, kif jidher mill-prospett anness u mmarkat Dok `A`;

2. Bl-ispejjez, inkluz dawk tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju pprezentat kontestwalment ma' dan ir-rikors, u bl-imghax legali kontra l-istess intimati solidament bejniethom, ingunti sabiex jidhru in subizzjoni;

Semghet ix-xhieda prodotta;

Rat id-dokumenti esebiti;

Rat il-verbal tar-rapprezentant legali tas-socjeta` rikorrenti datat is-27 ta' Jannar tas-sena 2009, li permezz tieghu sintetikament informa lill-qorti bis-segwenti:

1. Illi l-partijiet lahqu ftehim fuq is-sorte meritu ta' din il-procedura;

2. Illi dan l-istess ammont li ntlahaq il-ftehim fuqu gia` gie zbankat;

3. Illi l-uniku vertenza rimanenti bejn il-partijiet hi dik rigwardanti l-ispejjez ta' din il-procedura;

Innotat li l-partijiet inghataw iz-zmien opportune biex l-intimati fuq indikati jkunu jistghu wkoll ihallsu l-ispejjez dovuti, (ara fol 8);

Ikkunsidrat:

Illi skont ix-xhieda prodotta jirrizulta li fit-trattattivi kondotti bejn il-partijiet l-intimati assumew ir-responsabbilita` li jaghmlu tajjeb ghall-ispejjez;

Illi nonostante dan, peress li l-intimati dehru li kienu qed ikunu intransigenti u bl-imgieba rrinnegaw il-ftehim konkluz mas-socjeta` rikorrenti, inghataw l-opportunita` li jipprezentaw il-provi li huma kien jidhrilhom xierqa;

Illi pero` naqsu li jaghmlu dan u ghazlu li ma jiggustifikawx dan in-nuqqas taghhom b'xi raguni rikonoxxuta mill-ligi;

Illi stante li l-ammont pretiz mis-socjeta` rrizulta dovut, u effettivament thallas ghas-sodisfazzjoni tas-socjeta` rikorrenti ghandu jkun pacifiku li din is-socjeta ` rikorrenti aderiet lil din il-qorti stante li kienet kostretta taghmel dan minhabba l-agir ta' l-intimati li jonqsu li ma jhallsux l-ammont minnhom dovut in solidu lill-istess socjeta` rikorrenti;

Ghaldaqstant din il-qorti, tilqa' t-talba sussidjarja tas-socjeta` rikorrenti rigwardanti l-ispejjez kif postulata fir-rikors promotur, u konsegwentenment:

1. Tikkundanna lill-intimati General Woodworks & Marine Limited, (C-41911) u Joseph Fabri, biex ihallsu in solidum l-ispejjez ta' din il-procedura, bl-imghax dovut;

2. Tikkundanna lill-istess intimati fuq indikati wkoll biex ihallsu in solidum l-ispejjez rigwardanti l-mandat ta' sekwestru kawtelatorju ipprezentat kontestwalment mar-rikors promotur, bl-imghax legali dovut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------